# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tal-lum it-Tnejn 24 ta' Ġunju, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru.: 446/2024 MH**

**Numru:**

**APS Bank p.l.c. (C2192)**

**Vs**

**William Spiteri Pace**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' APS Bank plc fejn ippremetta u talab illi:

1. *Illi l-intimat William Spiteri Pace huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija tmienja u sebghin elf mija sebgha u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€178,197.37) rapprezentanti bilanc komplessiv ta' facilitajiet ta' self moghtija lill-istess intimat mill-Bank rikorrent in kwantu ghas-somma ta' mija tlieta u tletin elf disa' mija u wiehed Ewro u hamsa u tletin centezmu (€133,901.35) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall- 'Loan Account' bin-numru 20001310824 u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Jannar 2024 sad-data tal-*

*pagament effettiv, flimkien mas-somma ta' tnax-il elf erba' mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€12,458.65) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-'Interest Disposal Account' bin-numru 20001796737, flimkien mas-somma ta' tletin elf, hames mija u dsatax-il Ewro u erbgha u tletin centezmu (€30,519.34) repprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-'Interest Disposal Account' bin-numru 39088410015 u kif ukoll is-somma ta' elf tlett mija u tmintax-il Ewro u tlett centezmi (€1,318.03) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-'Current Account' bin-numru 20001255587;*

2. *Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimat lis-socjeta' rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess socjeta' rikorrenti, l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont komplessiv;*

3. *Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi, huwa baqa inadempjenti;*

4. *Illi s-socjeta' rikorrenti intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-istess intimat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;*

5. *Illi r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tiddikjara illi l-intimat William Spiteri Pace huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija tmienja u sebghin elf mija sebgha u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€178,197.37) rapprezentanti bilanc komplessiv ta' facilitajiet ta' self moghtija lill-istess intimat mill-Bank rikorrent in kwantu ghas-somma ta' mija tlieta u tletin elf disa' mija u wiehed Ewro u hamsa u tletin centezmu (€133,901.35) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall- Loan Account bin-numru 20001310824 u dan oltre l-imghax*

*bit-tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Jannar 2024 sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mas-somma ta' tnax-il elf erba' mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€12,458.65) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-'Interest Disposal Account' bin-numru 20001796737, flimkien mas-somma ta' tletin elf, hames mija u dsatax-il Ewro u erbgha u tletin centezmu (€30,519.34) repprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-'Interest Disposal Account' bin-numru 39088410015 u kif ukoll is-somma ta' elf tlett mija u tmintax-il Ewro u tlett centezmi (€1,318.03) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-'Current Account' bin-numru 20001255587.*

2. *Tikkundanna u tordna lill-intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija tmienja u sebghin elf mija sebgha u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€178,197.37).*

*Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimat, ikluz tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, li hu minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2024 il-konvenut deher personalment f'din il-Qorti (għalkemm aktar tard illarga kif ivverbalizża l-avukat difensur tiegħu.[1]).

Ġiet seduta stante moqrija u presentata nota ta' ammissjoni mill-avukat tal-konvenut

Tinnota ukoll li din in-nota ġiet debitament ġuramentata mill-konvenut.[2]

**Konsegwentement qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tiddikjara illi l-intimat William Spiteri Pace huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija tmienja u sebghin elf**

[1] Verbal riferut a folio 93.
[2] Folio 94.

**mija sebgħa u disgħin Ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€178,197.37) rappreżentanti bilanċ komplessiv ta' faċilitajiet ta' self mogħtija lill-istess intimat mill-Bank rikorrent in kwantu għas-somma ta' mija tlieta u tletin elf disa' mija u wieħed Ewro u ħamsa u tletin ċentezmu (€133,901.35) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-Loan Account bin-numru 20001310824 u dan oltre l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Jannar 2024 sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mas-somma ta' tnax-il elf erba' mija tmienja u hamsin Ewro u ħamsa u sittin ċentezmu (€12,458.65) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-'Interest Disposal Account' bin-numru 20001796737, flimkien mas-somma ta' tletin elf, ħames mija u dsatax-il Ewro u erbgħa u tletin ċentezmu (€30,519.34) reppreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv ghall-'Interest Disposal Account' bin-numru 39088410015 u kif ukoll is-somma ta' elf tlett mija u tmintax-il Ewro u tlett ċenteżmi (€1,318.03) rapprezentanti bilanċ ta' debitu relattiv għall-'Current Account' bin-numru 20001255587.**

2. **Tikkundanna u tordna lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija tmienja u sebgħin elf mija sebgħa u disgħin Ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€178,197.37).**

**Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-intimat, inkluż tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina**

**Dep Reg.**